**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)Ph.D**

**Appell Nru: 410/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mohammed Awad**

**Illum, 29 ta' April 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, **Mohammed Awad** detenur tal-karta tal-identita Maltija **158744A**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-eta' u cioe' Reem Abdullah imwielda fl-1 ta' Settembru, 2004;
2. Aktar talli fl-istess cirkostanzi b'ghemil żieni, ikkorrompa lil Reem Abdullah imwielda fl-1 ta' Settembru, 2004;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' Reem Abdullah, hawn fuq imsemmija kif ukoll għal familjari tagħha;

Il-Qorti kienet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni għas-sigurta' ta' Reem Abdullah ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il- mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Settembru,2025, sabet lill-imputat hati tal-ewwel akkuża kif dedotta kontrih u tqieghed taht Ordni ta' Probation skont ma jipprovdi l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet snin, filwaqt li kien liberat mit- tieni akkuża.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellat Mohamed Awad, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Novembru 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Filwaqt li tikkonferma l-htija fuq l-ewwel imputazzjoni, tagħti piena iktar idonea ghall-każ odjern, u li din tkun fil-parametri stabbiliti mil-ligi.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-appellant Avukat Generali hassu aggravat bil-mod kif l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enunċjazzjoni żbaljata għal kollox rigward il-piena li ngħatat fil-konfront tal- imputat.

ILLI l-**artikolu 7(2) tal-Kap. 446** iżomm hekk:

> *(2) Kull ordni magħmula skont is-subartikolu (1) għandha biss issir jekk:*

*(a) persuna tiġi dikjarata hatja ta' reat, li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda, u għax ma jkunx reat li apparti minn kull żjieda fil-piena minhabba f' li jkun wiehed li jkompli jew f' dikjarazzjonijiet ta' ħtija preċedenti, li jkun punibbli bi prigunerija għal żmien mhux iktar minn seba' snin (enfasi tal-appellant);*

ILLI l-**artikolu 204C tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta, almenu kif kien matul is-sena 2019, fejn l-aħħar emenda kienet permezz tas-sostituzzjoni in virtu tal-Att XIII.2018, kien jaqra hekk:

*204C(1) Kull min jippartecipa fattivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax-il sena jehel, meta jinsab hati, il- piena ta' priġunerija minn ħames snin sa għaxar snin.*

ILLI in virtu tal-Att LXIV.2021.13 żdied attenwant taħt l-artikolu 204C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqra hekk:

*204C(3) Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-eta' u fil-livell ta' żvilupp (enfasi tal- appellant) u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuż fiziku u, jew psikoloġiku, il-piena għandha titnaqqas bi grad jew żewġ gradi.*

ILLI għalhekk isegwi li minkejja li r-relazzjoni sesswali kienet kunsenswali bejn il-partijiet, wieħed ma jistax ma jinnutax id-differenza kbira bejn l-etajiet u l-livell ta' żvilupp, fejn hawnhekk qed nitkellmu dwar tifla minorenni ta' ħmistax-il sena u ragel ta' sebgha u għoxrin sena, għalhekk dan l-attenwant ma jistax jingħata, u għalhekk il-piena, peress li tmur iktar minn seba' snin prigunerija, isegwi li ma jistax jingħata ordni ta' probation skont l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' April 2025 l-appellant minkejja li kien notifikat bir-rikors tal-Appell tal-Avukat Generali (vide fol. 140 tergo) dan naqas li jidher.

Semghet lill-Avukat Generali ighid li ma kellux xi izid mar rikors tal-appell tieghu u dan fis-seduta tal-10 ta' April 2024.

**Ikkunsidrat**,

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'illi l-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx fix-xorta jew kwantita` taghha dik ikkontemplata fil-ligi, in partikolari ghall-ewwel akkuza kif migjuba kontra l-imputat.

Illi l-appellant instab hati tar-reat ta' partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta taht is-sittax-il sena kif previst fl-artikolu 204C u ghahekk tapplika l-emenda li dahlet permezz tal Att XII 2019 li kien jipprovdi is-segwenti:-

> *"Kull min jippartecipa f'attivivitajiet sesswali ma persuna ta that is-sittax-il sena jehel meta jinsab hati il-=piena ta prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin."*

Ghalhekk huwa evidenti li l-minimu li setgha jinghata bhala piena kien dak ta' hames snin u l-massimu ta' ghaxar snin. L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha stqarret li minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe li l-atti kienu konsenswali stante li kienu fiz-zwieg skond ir-rit Musulman u ghalhekk ma kienx jaghmel sens li l-appellant jinghata piena karcerarja u kien ghalhekk li applikat l-provdiment tal-artikolu 21 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li ghal ragunjijiet specjali u li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza abbazi ta' liema l-Qorti tista` taghti pieni taht il-minimum stabbilit mill-Ligi. L-esponenti jirreferi ghal gurisprudenza ta' bilhaqq kopjuza ta' din l-Onorabbli Qorti, li nvarjabbilment irriteniet illi biex Qorti tkun tista` tapplika dan l-artikolu, irridu ta' bilhaqq jikkonkorru cirkostanzi specjali u straordinarji, u li l-Qorti, fis-sentenza taghha, trid mhux biss

tindika dawn ic-cirkostanzi, izda tidhol fihom bir-reqqa. Il-Qorti tal-Appell Kriminali taghmilha cara daqs il-kristall li dan l-artikolu ghandu jigi nterpretat b' mod ristrettiv, tant li cirkostanzi bhal ammissjoni bikrija, koperazzjoni mal-Pulizija, konformita` mal-ligi wara r-reat, tnehhija ta' l-illegalita` wara li jkun ikkunsmat ir-reat, eccetera, nvarjabbilment gew ritenuti li ma jammontawx ghal cirkostanzi specjali u straordinarji ai termini ta' dan l-artikolu.

Illi hawn hekk ma hiex biss kwistjoni jekk ic-cirkostanzi kif imsemmija fis-sentenza dwar il-fatt li l-appellant izzewweg l-allegata vittma humiex cirkostanzi specjali u straordinarju ghaliex din il-Qorti ghandha tinzel taht il-minimu izda jekk l-Ordni tal-Probation setghetx tinghata ghal reat fejn il-piena massima tieghu hija ta' ghaxar snin. Meta l-legislatur introduca dan l-artikolu 7 tal-Kap 446 ta' qis li r-reat li bih ikun gie akkuzat bniedem ma jistax ikollu piena in eccess ta' sebgha snin u pprovda biss ghar-reat *ut sic*. Fis-sens li jekk ir-reat igib piena li tkun in eccess ta' sebgha snin allura l-providment tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta huwa awtomatikament mhux applikabbli.

Pero taht l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-legislatur pprovda cirkostanza ta' diskrezzjoni ghall-applikazzjoni ta' dan il-provediment **basta il-piena ma teccedix ghaxar snin** u r ragunijiet jissemmew fis sentenza. Jinghad is segwenti fil-proviso:

> *Iżda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi, li għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar fl-ordni, li jkunu jimmeritaw lil-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation fil-każ ta' reat li, minbarra xi żieda fil-piena minħabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' ħtija preċedenti, jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin, il-qorti* ***tista'*** *tagħmel ordni ta' probation:*

Dan ifisser li jekk il-Qorti taghti r-ragunijiet taghha fis-sentenza f'kaz li l-piena ma teccedix l-ghaxar snin li l-hati ghandu jinghata Ordni ta' Probation dan huwa koncess ghaliex il-kelma uzata mill-legislatur hija 'tista' u din timplika li l-legislatur kien qed

jaghti diskrezzjoni lil Qorti ghal applikazzjoni taghha purche c-cirkostanzi imsemmija fil-proviso jesistu.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u rat li stante li fl-ewwel lok ir-relazzjoni bejn l-appellant u l-vittma kienet wahda konsenswali li illum l-appellant hu mizzewweg skond ir-rit Musulman lill-allegata vittma, dawn qeghdin f'relazzjoni stabbli u ghandhom zewgt itfal in komuni u ghalhekk ma jkunx fl-interess la tal-partijiet u lanqas tas-socjeta in generali li l-appellant jintbaghat il-habs u kien ghalhekk li applikat l-proviso tal-provediment 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost din il-Qorti tiddikjara li is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kienet korretta u qeda tichad l-appell tal-Avukat Generali fl-intier tieghu u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**